




# Min Aħna l-Marsin

*minn Raymond Montebello - Għaqda Storika Kulturali Marsa*

Qabel ma wieħed jibda storja, riċerka, jew jiġġudika avveniment, ġrajja jew rakkont, tajjeb li wieħed għandu l-ewwel u qabel kollox ifittex il–bażi ta' dak li jkun ser jikteb fuqu, tgħiduli mhux fatt dan li għandu jsir. Imma lkoll nafu li mhux dejjem isir hekk, u minħabba din ir-raġuni r-riċerka jew il-proġett nnifsu ma jkunx laħħaq l-għan tiegħu u ma jkollniex rizultat mistħoqq. Kemm hu faċli ngħidlek delinkwenti qabel nara l-ambjent u l-ħajja li għext jew ġagħluk tgħix. Fuq is-suġġett li xtaqt nitkellem magħkom huwa xi ftit bla sens għal xi wħud, speċjalment min mhux Marsi bħali, għax jaħseb li dan li ġej huwa indirizat għall-Marsin biss meta mhux il-każ.

Kull belt u raħal f'Malta għandha l-glorji u disfatti tagħha, ġrajjiet li nibqgħu niċċelebrawhom u nfakkruhom u oħrajn nipprovaw ninsewhom illum qabel għada. Sfortunatament f'Malta għandna nies li baqgħu jirtu s-sens u l-attitudni ta' preġudizju bejn raħħal u ieħor, għalkemm dan hu ukoll marbut mal-kultura u l-folklor ta' pajjiżna, inħoss li sa ċertu punt esagerajna wisq u morna altru min sens komun. Ħloqna l-kultura ta' FUQ u tan-naħa T'ISFEL. Tfajnijhom f'keffa li tan-naħa ta' fuq ipprivileġġati u t'isfel żvantaġjati. Mela hawn qabel ma' pajjiż qed iħares b'mod differenti lejn l'ieħor ġa għandna qasma bejn ta' FUQ u T'ISFEL.

Għaliex ġara dan? Fittixt u għarbilt sew qabel ma' nħarbex ħsibijieti fuq dan is-suġġett, waqt it-tiftix tiegħi u riċerka fuq dan is-suġġett, rajt li wara l-qasma ta' Malta ta' FUQ u T'ISFEL, teżisti qasma oħra bejn raħħal u ieħor, bejn belt u oħra, u biex tgħaxxaq kollox teżisti ukoll qasma fl-istess belt u raħal, bejn l-istess nies, raħħala , beltin, il-kaġun ta' dan jista' jkunu varji, jew il-parrokjaliżmu, id-distanza minn naħa għall-oħra ,il-lingwaġġ u drawwiet u ħafna ntitef oħra li għall-lum jistgħu narawhom banali, imma ma kienux jarawhom hekk meta nħolqu. Kienu parti mill-ħajja ta' kull jum.

Il-Marsa, huwa sabborg li jinsab fid-daħla ġewwinija tal-Port il-Kbir. L-istorja tal-Marsa ma bdietx fl-1913, meta l-Marsa nqatet minn parroċċi oħra ta' Raħal Ġdid, il-Ħamrun u Ħal Qormi. L-istorja tal-Marsa tista' tgħid li bdiet meta l-ewwel bnedmin li rifsu fuq Malta biex jagħmru fiha, il-bosta fdalijiet li nstabu u għadhom jinstabu xiehda ta' dan, kull ħakma u epoka li eżistit f'Malta nstab tracci tiegħu fil-Marsa u nistgħu nifhmu li dan seħħ għaliex il-Marsa kienet port fiha 'nnifisa u min ġie fuq qoxra tal-baħħar iktar żgur milli forsi baqa dieħel fil-ġewwieni tal-Port il-Kbir, li ma żmien ġie msejjaħ Marsa. Sa kemm l-art tal-Marsa kienet maqsuma u tagħmel parti



minn artijiet ta' parroċċi oħra, kellek ħafna bliet u rħula li ġa kien ilhom li jeżistu mijiet ta' snin qabel, li ġa kellhom storja b'nishom u ġrajjiethom li jissemmew fl-istorja ta' Malta. Imma b'daqsekk lilna l-Marsin dan ma jċekkiniex, li nistgħu ngħidu żgur li fl-1913 il-Marsa ġabret fi ħdana l-istorja kollha tagħha, li kienet mifruxa f'irħula oħra tal-viċin u min hemm il-quddiem tqegħdu fl-arkivju ta' l-istorja tagħna li hija parti mill-istorja ta' Malta. Mill-1913 min ġa kien jogħqod il-Marsa issa beda jissejjaħ Marsi, mhux għax qabel ma kienx imma għax aħna l-Maltin magħġunin hekk, kellna nistennew li nsiru parroċċa f'April ta' 1913 iddedikata lis-SSma Trinità biex din id-daħla tal-port tingħata għarfien sħiħ bħala lokal jew distrett, qabel kellek min isejjaħ dawn l-inħawi bħala il-PORTU NOVU.

Fl-istorja nsibu li l-ewwel abitanti li sorġew f'Malta bħala kolonizzaturi aktarx kienu l-Feniċi, bosta minnhom stabilixxew ruħhom u baqgħu Malta, dawn għamlu lil-Malta ċentru ta' tbaħħir miċ-ċentru tal-Mediterran għall-kummerċ li kienu magħrufin għalih. Fil-Marsa sibna u għadna nsibu bosta fdalijiet ta' din l-epoka, daqs kemm sibna tal-Griegi u tar-Rumani, għandna pataflun ta' dokumenti ta' tagħrif li jgħidulna b'dawn is-sejbiet L-istoriku Gian Frangisk Abela ħallina dan miktub fil-kitba tiegħu 'DESCRIZIONE DEL ISOLA DI MALTA'. Min għammar fil-Marsa, għammar hawn għax kien sab ilqugħ ta' port kenni għall-qxur tal-baħħar tiegħu u dan baqa sejjer sa l-aħħar ħakma li kellna, sa dik Ingliża.

S'hawn rajna li l-ewwel abitanti Marsin iktar iva milli le setgħu kienu baħħara u sajjieda li bnew il-griebeġġ u l-binjiet tagħhom f'dawn l-inħawi .Mal-medda tas-snin u hawn ġrejna ħafna l-quddiem, din id-daħla saret aktar min qatt qabel il-



mira għall min kien jaħkimna l-aħħar, jiġifieri dik Ingliż fejn fl-1865 il-gvernatur Le Merchant twebbel li jibda l-proġett tant ambizjus għal dak iż-żmien dak tal-*porto nuovo* [PORTU NOVU] bl-ilsien il-poplu Malti.

Dan il-proġett ġab ħafna xogħol u eżodu ta' ħaddiema bil-familji tagħhom minn irħula oħra lejn il-Marsa. Wara dan il-proġett beda jiġi ntrodod f'pajjiżna il-ħadt u ġarr tal-faħam bil-ftuħ tal-kanal ta' Swejz fl-Eġittu. Ħafna familji bi tfal numerużi bdew ġejjin isorġu fil-Marsa bil-gżuż, uħud minnhom sabu biss fejn idabbru rashom f'xi gorboġ f'nofs ta' għalqa, imbasta jkun viċin ix-xatt għax hawn kien ħobżhom u l-għixien tagħhom. Bosta minnhom telqu x-xogħol iebes tar-raba għax raw li l-port tal-Marsa kien għajn ta' prosperità. Meta beda jiġri dan kollu xi negozjanti twebblu jibnu għadd ta' mħażen u anke knisja li llum ngħidula ta' Ċejlu ddedikata lil ommna Marija tal-Grazzji. Wieħed minnhom in-negozjant Bormliż Giuseppe Zammit. Ix-xogħol tax-xatt kien ta' tbatija u għal xi wħud skabrus, u għalhekk mhux kulħadd kien lest li jidħol għal dan ix-xogħol tant iebes, sa kemm ma kienx hawn il-ġustizzja soċjali l-imgħallmin il-biċċa l-kbira tagħhom bla qalb u jħallsu ħlas miżeru setgħu għamlu dan b'riħet il-ħakkiem. L-ewwel Marsin tax-xatt raw tbatija kbira u sa ċertu punt moħqrija, fejn kellek sa ħaddiema li kienu jieħdu xogħol bl-irkant, min jieħu l-inqas u b'detriment għall-ħaddiema oħra li kienu jagħmlulek iljieli reqdin barra fis-sirda fl-art biex filgħodu jsibu ruħhom minn ta' l-ewwel, sakemm ma jkunux ġew traduti minn sħabhom stess. Tbatija fiżika u dik morali, kienu żminijiet inumani li ma kellekx lil ħadd jaqbeż għalihom, meta kienu ser isibu faraġ f'Manwel Dimech il-kelliem għall-klassi l-baxxa, il-ħakkiema eżiljawh.

## IL-FAĦĦAMA

Bla tlaqliq ngħidu li l-ħaddiema tax-xatt tal-imgħoddi l-aktar il-faħħama kienu jiġu wisq preġudikati mill-bqija ta' xogħol ieħor. Huwa fatt magħruf li l-preġudizzju kontra l-imġieba tal-faħħama kienet kbira wisq, f'ċertu każi imwarrbin u mżebilħin. Is-sur Anton Cassar ġurnalist u kittieb Marsi bħalna fil-ktieb tiegħu ċoe ħajtu, ĦAJTI MHIX KOLLHA WARD U ŻGĦAR, jgħid bla tlaqliq id-differenza u l-istigma li batew ulied il-faħħama. Bl-istess kejl, anki San Ġorġ Preca meta kien imur jilqa' lill-ħaddiema tal-faħam, huma u tilgħin lejn darhom, biex iberikhom kien saħansitra jbusilhom saqajhom, kien hemm min iddisprezzah ta' dan il-ġest. L-istess nistgħu ngħidu meta xi faħħama kienu jridu jirkbu t-tramm għal raħalhom, kien hemm spazju għalihom biss.

Minħabba li xogħol tax-xatt l-iktar tal-faħħama kien ta' tbatija u skabrus kellek tip ta' nies li jridu jew ma jridux kellhom bilfors jagħmlu dan ix-xogħol,dawn setgħu kienu l-fqar, nies ta' kondotta mhix daqstant tajba, u nies li ma kienux kapaċi jafu xejn ħlief jgħabbi u jħott il-faħam. F'kelma waħda kellek ħafna ħaddiema bla skola xejn u l-uniku xogħol li seta' jagħmel kien dan ix-xogħol. Irridu ngħidu ukoll li minn dak iż-żmien il-Marsa bdiet timtela b'għadd ġmielu ta' familji minn irħula oħra, bħal Ħal Luqin, Qriema. Żebbuġin, Żwieten, Żrieraq u ħafna Għawdxin. Għadu jeżiżti dan id-demm Għawdxi fil-Marsa speċjalment mill-knisja tat-Trinità lejn ix-xatt, It-tabib Nerik Sacco, li kellu spiżerija l-Marsa, kien jgħid li fil-



Marsa kellek komunità ta' razza Għawdxija. B'din it-taħlita ta' nies min kull raħal f'Malta u Għawdex kellek ukoll taħlita ta' djalleti, drawwiet u ħsibijiet li flimkien bdew jagħtu identità ġdida u ħajja fost il-Marsin li tħalltu magħhom. Għalkemm b'dawn it-taħliet u differenzi, kellek xi ħaġa biss komuni bejniethom dawn kollha; dan kien biss li lkoll kienu nies fqar li ġew isorġu fil-Marsa għax kien l-uniku post f'Malta dak iż-żmien li setgħu jittrejqu fih. Mhux ta' b'xejn li tabib Nerik Sacco li kien it-tabib tal-Marsa kien iktar juża il-professjoni ta' tabib bħala karità milli bil-flus ma' dawn il- fqajrin.

Mela l-għaġna tagħna l-Marsin hija frott ix-xogħol u tbatija, li flimkien mal-ħajja soċjali xejn sabiħa ta' l-imgħoddi komplew għaksu lil dan il-poplu msejken għax kien bla tagħlim. Dan kollu jġib id-dnub mhux biss morali imma anke id-dehra tal-individwu nnifsu, minħabba din il-qagħda ta' tbatija u njoranza li ssarfet f'delinkwenza, dan kollu setgħa poġġina bħan-nies bla edukazjoni u bla manjieri, flok nuza kelma oħra li żgur ma tixirqinix, għalkemm ħaddiehor uża biex iweġġgħana. Mela għax faħħam; xogħol li setgħu jaħdmuh biss nies il-baxxi u bla skola, xogħol li jħammġek ,u jdellkek u maħmug, li seta' jagħmlu bniedem bla manjieri, seta beda jidher skabruż u ta' min jaħrab minnu , għalhekk weħel l-individwu, weħel il-ħaddiem, u l-post fejn jaħdem, f'kelma waħda il-Marsa u l-Marsin. Ma' din l-istigma kien hemm ħafna aktar fatturi li komplew żiedu d-doża ta' inferjorità lejn il-Marsa u l-Marsin. It-taħlita ta' nies delinkwenti bħal per eżempju nies bħal Ružar Mizzi l-Lais li kien bniedem ta' kondotta ħażina, Għaxqi u li kien joqgħod x'imkien ix-xatt seta kompla jgħarraq l-istampa ġa mgħatna tal-Marsa u l-Marsin. Kellek familji Marsin b'għadd ġmielu ta' tfal li kienu jgħixu f'griebeġ u xi kultant, flimkien mal-annimali. Mingħajr ma jagħtu kass l-iġene, kif għidtna aktar qabel familji b'ħafna tfal, u għalhekk iżjed faqar u għalhekk kellek dik li l-missier jiflaħ jew ma jiflaħx irid jara min fejn ser jiddobba loqma ħobż għall-familja bis-sewwa jew bid-dnewwa jew jittallab. Kellek ċertu toroq fil-Marsa li kienu msemmija għall-istorbju ta' tfal jistona ma' l-għajjat ta' xi gabillot li fil-Marsa kien hemm bil-gżuż.

Jingħad li fit-triq il-Marsa magħrufa aktar mill-anzjani tagħna bħala Via Marsa, u dan f'nofs il-bidu tas-seklu 20 in-nisa kienu joħorġu jreddgħu lit-trabi tagħhom fuq l-għatiebi tad-djar tagħhom, din setgħet kienet użanza fl-irħula oħra ukoll u li setgħu ġabu, ommijiethom meta ġew joqgħodu fil-Marsa. Forsi llum dan ma temnuhx, u tarawh ħamallaġni!!, imma dari kont taraħ u tmissu b'idejk, u kien l-ordni tal-ġurnata u dan kollu seta' kompla kabbar l-istampa li ħaddieħor iktar pulit u edukat beda jara kera.

(ikompli f'ħarġa oħra)




*L-Editur,*
*Kumitat Eżekuttiv,*
*Membri u Partitarji*

***Jixtiequ jirringrazzjaw***

**lill-ħwienet, kumpaniji u entitajiet oħra,**

***talli għoġobhom jirreklamaw f'din il-pubblikazzjoni u nħeġġu lill-pubbliku ġenerali sabiex jagħmel użu mill-prodotti u servizzi 'lli dawn joffru.***